31985R1746

27.6.1985 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 167/23

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1746/85
tas-26 ta' Ġunju 1985
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2289/83 li jniżżel dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 70 sa 78 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 li jwaqqaf sistema Komunitarja għal eżenzjonijiet mid-dazju doganali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 tat-28 ta' Marzu 1983 li jistabilixxi sistema Komunitarja għal eżenzjonijet mid-dazju tad-dwana [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Billi l-esperjenza miksuba mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2289/83 [2] wriet li l-frażi li għandha tiddaħħal fil-Kopja ta' Kontroll T Nru 5 ma tinfurmax korretament lill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni ta' l-obbligazzjoni tagħhom li jiżguraw li l-organizazzjoni li tirċievi l-istrument jew apparat tuża dan skond il-kundizzjonijiet mniżżlin għal għoti kontinwat ta' eżenzjoni minn dazju tad-dwana; billi għalhekk dik il-frażi għandha tiġi emendata;

Billi l-miżuri li hemm dispożizzjoni għalihom f'dan ir-Regolament huma konformi ma l-opinjoni tal-Kumitat għal Arranġamenti bla Dazju,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2289/83 huwa permezz tal-preżenti mibdul b'dan li ġej:

"2. Fil-każ li l-istituzzjoni jew organizazzjoni li liha oġġett jissellef, jinkera jew jiġi trasferit jinsab fi Stat membru li mhux dak li fih tinstab l-istituzzjoni jew organiazzjoni li sellef, kera jew ittrasferixxa l-oġġett, meta jintbgħat tali oġġett l-uffiċju tad-dwana kompetenti ta' l-Istat Membru minn fejn qed jintbgħat għandu jiħroġ Kopja ta' Kontroll T Nru 5 skond ir-regoli mniżżlin fir-Regolament (KEE) Nru 223/77 sabiex jiżgura li tali oġġetti jintużaw għal użu li jintitolhom biex ikomplu jikkwalifikaw għal dħul ħieles minn dazju fuq l-importazzjoni. Għal dan il-għan, il-kopja ta' kontroll imsemmija għandha tinkludi, fil-kaxxa 104 taħt waħda l-intestatura 'oħra', waħda mid-daħliet li ġejjin:

— 'Genstand til handicappede personer: Fortsat fritagelse betinget af overholdelse af artikel 77, stk. 2, andet afsnit, i forordning (EØF) nr. 918/83';

— 'Gegenstand für Behinderte: Weitergewährung der Zollbefreiung abhängig von der Voraussetzung des Artikels 77 Absatz 2 zweiter Unterabsatz der Verordnung (EWG) Nr. 918/83';

— 'Αντικείμενα προοριζόμενα για μειονεκτούντα άτομα: Διατήρηση της ατέλειας εξαρτώμενη από την τήρηση του άρθρου 77 παράγραφος 2 δεύτερο εδάφιο του κανονισμού (ΕΟΚ) αριθ. 918/83';

— 'Article for the handicapped: continuation of relief subject to compliance with the second subparagraph of Article 77 (2) of Regulation (EEC) No 918/83';

— 'Objet pour personnes handicapées: maintien de la franchise subordonné au respect de l'article 77 paragraphe 2 deuxième alinéa du règlement (CEE) n° 918/83';

— 'Oggetto per persone minorate: la franchigia è mantenuta a condizione che venga rispettato l'articolo 77 paragrafo 2, secondo comma del regolamento (CEE) n. 918/83';

— 'Voorwerp voor gehandicapten: handhaving van de paragrafo is afhankelijk van de nakoming van artikel 77, lid 2, tweede alinea van Verordening (EEG) nr. 918/83'."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1985.

[1] ĠU L 105, tat-23.4.1983, p. 1.
[2] ĠU L 220, tal-11.8.1983, p. 15.

Dan ir-Regolament jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussel, fis-26 ta' Ġunju 1985.

Għall-Kummissjoni

COCKFIELD

Viċi-President